MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru. 396/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Jonathan Fabri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Jonathan Fabri ta’ 24 sena bin Carmelo u Euphemia nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Mejju 1989, residenti fil-fond St Joseph Triq Aldebaran Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ numru 237589M.

Akkuzat talli fis-19 ta' Settembru, 2013 u/jew fil-perjodu ta' qabel din id-data fl-inhawi tal-Kalkara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni JBQ 813, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 ewro izda mhux aktar minn 1164.69 ewro ghad-dannu ta' Charlotte Bonello mill-Fgura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Lulju, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-hsara giet riparata u l-ispejjez thallsu lill-vittma kif ukoll l-fatt li l-partijiet irrikonciljaw l-affarijiet ta’ bejniethom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’ applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax (18) –il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------